



BANK ĊENTRALI EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-13 ta' Marzu, 2006

**li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2002/11 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew
(BĊE/2006/3)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,
partikolarment l-Artikolu 26.2,

Billi:

Għal raġunijiet ta' livell ogħla ta' trasparenza, jinħtieġ li l-iskema tal-pensjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tiġi ppreżentata b'mod ċar fil-kontijiet tal-BĊE. L-Anness II tad-Deċiżjoni BĊE/2002/11 tal-5 ta' Diċembru, 2002, dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew¹ għandu jiġi emendat biex jirrifletti d-dħul ta' din il-partita fuq in-naħa tal-passivi tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE taħt partita 12 'Passivi oħra',

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Emendi

L-Anness II tad-Deċiżjoni BĊE/2002/11 huwa emendat skond l-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 58, 3.3.2003, pġ. 38. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni BĊE/2005/12 (ĠU L 311, 26.11.2005, pġ. 43).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li fih hija adottata.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-13 ta' Marzu, 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

**Emendi ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni BĊE/2002/11: Kompożizzjoni u regoli ta' valutazzjoni
għall-karta tal-bilanċ**

L-Anness II tad-Deċiżjoni BĊE/2002/11 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-partita tal-karta tal-bilanċ 'Attiv, Partita 11.3 Attiv finanzjarju ieħor,' taħt 'Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ', is-sentenza li ġejja hija rrevokata:
'Portafolli ta' investiment relatati ma' fondi tal-pensjoni u skemi ta' tmiem ta' impjeg'.
- (2) Fl-ewwel linja tal-partita tal-karta tal-bilanċ 'Passivi, Partita 12.3 Diversi', taħt 'Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ', is-sentenza li ġejja hija mdaħħla:
'Passiv nett ta' pensjoni'.
- (3) Fil-partita tal-karta tal-bilanċ 'Passivi, Partita 13 *Provisions*', taħt 'Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ', is-sentenza li ġejja hija rrevokata:
'Għal pensjonijiet'.